

**Brussell, 11 ta' Ottubru 2023
(OR. en)**

13880/23

**COPS 474
POLMIL 260
EUMC 424
COEST 539
RELEX 1148
CFSP/PESC 1356
CSDP/PSDC 689
CSC 474
EUMAM UKRAINE 19
PSC DEC 45**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tat-Taħriġ dwar l-Armi Kombinati għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2096 (EUMAM Ukraine/2/2023)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA' (PESK) 2023/...

ta'...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tat-Taħriġ dwar l-Armi Kombinati
għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea
b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine)
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2096
(EUMAM Ukraine/2/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA',

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1968 tas-17 ta' Ottubru 2022 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

¹ ĠU L 270, 18.10.2022, p. 85.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine).
- (2) L-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 jistipula li għandu jiġi stabbilit fil-livell operazzjonali Kmand għat-Taħriġ tal-Armi Kombinati (CAT-C) multinazzjonali.
- (3) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-ħatra tal-Kmandanti tal-UE għall-EUMAM Ukraine, inkluż il-Kmandant tat-Taħriġ dwar l-Armi Kombinati.
- (4) Fis-27 ta' Ottubru 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2096¹ li taħtar lill-Maġġur Ġeneral Piotr TRYTEK bħala l-Kmandant tat-Taħriġ dwar l-Armi Kombinati mis-27 ta' Ottubru 2022.
- (5) Fit-28 ta' Settembru 2023, l-Awtoritajiet Pollakki pproponew li l-Brigadier Ġeneral Piotr FAJKOWSKI jieħu post il-Maġġur Ġeneral Piotr TRYTEK bħala l-Kmandant tat-Taħriġ tal-Armi Kombinati.
- (6) Fid-29 ta' Settembru 2023, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE appoġġa din il-proposta.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/2096 tas-27 ta' Ottubru 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant Ikkombinat tat-Taħriġ dwar l-Armi għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) (EUMAM Ukraine/1/2022) (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 71).

- (7) Fit-3 ta' Ottubru 2023, il-Kumitat Militari tal-UE qabel li jirrakkomanda li l-Brigadier Ġeneral Piotr FAJKOWSKI jinħatar bħala l-Kmandant tat-Taħriġ dwar l-Armi Kombinati mid-29 ta' Settembru 2023.
- (8) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Piotr FAJKOWSKI bħala l-Kmandant tat-Taħriġ tal-Armi Kombinati għall-EUMAM Ukraine mid-29 ta' Settembru 2023 u jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2096 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Piotr FAJKOWSKI huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tat-Taħriġ tal-Armi Kombinati għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) mid-29 ta' Settembru 2023.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2096 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mid-29 ta' Settembru 2023.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
